Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari - Rechtbank Breda — Interpretazzjoni tal-Artikoli 56 TFUE sa 62 TFUE — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi għal ġbir ta' taxxa ta' reġistrazzjoni meta l-vettura tintuża għall-ewwel darba fin-netwerk nazzjonali tat-toroq.

Dispożittiv

L-Artikoli 49 KE sa 55 KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li abbażi tagħha, persuna li tirresjedi jew li hija stabbilita fi Stat Membru ieħor li tuża f'dan l-Istat Membru vettura bil-mutur irreġistrata u mikrija fi Stat Membru ieħor għandha, meta tuża din il-vettura għall-ewwel darba fin-netwerk nazzjonali tat-toroq tal-ewwel Stat Membru, tħallas it-totalità ta' taxxa, fejn il-bilanċ, ikkalkolat permezz tad-dewmien tal-użu tal-imsemmija vettura f'dan in-netwerk huwa rrimborsat, mingħajr interessi, wara li jintemm dan l-użu.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-30 ta' Settembru 2010 — Evets vs UASI

(Kawża C-479/09 P)

"Appell — Trade mark Komunitarja — Trade mark verbali DANELECTRO — Trade mark figurattiva QWIK TUNE — Applikazzjoni għat-tiġdid tar-reġistrazzjoni tat-trade mark — Talba għal restitutio in integrum — Nuqqas ta' osservanza tat-terminu għall-preżentata tal-applikazzjoni għal tiġdid tar-reġistrazzjoni tat-trade mark"

Trade mark Komunitarja — Dispożizzjonijiet proċedurali — Restitutio in integrum — Terminu għall-preżentata tar-rikors — Bidu tad-dekorrenza — Data li fiha r-rappreżentant tal-proprjetarju tat-trade mark isir jaf bit-telf ta' dritt (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 78(2); Regolament tal-Kummissjoni Nru 2868/95, Artikolu 1, Regola 77) (ara l-punti 36, 39-41)

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (li issa saret il-Qorti Ġenerali) (L-Ewwel Awla) tat-23 ta' Settembru 2009, Evets vs UASI (Kawżi magħquda T-20/08 u T-21/08), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet rikors intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni R 603/2007-4 tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI), tal-5 ta' Novembru 2007, li tiċħad l-appell mid-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Amministrazzjoni ta' Trade marks u tal-Kwistjonijiet Legali u li tiddikjara li t-talba għal "restitutio in integrum", ippreżentata mill-appellanti sabiex terġa' tikseb id-drittijiet tagħha dwar it-tiġdid tat-trade mark verbali "DANELECTRO", għandha titqies li ma ġietx ippreżentata peress li ġiet ippreżentata tard - Nuqqas ta' osservanza tat-terminu għall-preżentata tal-applikazzjoni għat-tiġdid ta' trade marks.

Dispożittiv

1) L-appell huwa miċħud.

2) Evets Corp. hija kkundannata għall-ispejjeż.